## FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 17 t' Ottubru, 2019**

**Talba Nru: 111/2018PM1**

**GasanMamo Insurance Limited (C3143) u dina kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Isabel Georgiev Teuma**

**Vs**

**John Bonnici (ID 204458(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-23 ta' Marzu, 2018 permezz ta' liema is-socjeta` attrici qed titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' elf wiehed u tletin euro u tmienja u erbghin centezmi (€1031.48) rapprezentanti d-danni kollha sofferti bhala rizultat tal-incident kif premess fl-avviz u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta` attrici abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip *comprehensive*; bl-ispejjez

inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 17 t'Ottubru, 2017 u bl-interessi legali mid-data tal-imsemmija ittra ufficjali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut.

Ra r-risposta datata 23 t'April, 2018 permezz ta' liema l-konvenut wiegeb:

1. Illi l-konvenut John Bonnici jiddikjara li t-tank tal-ilma li kkaguna l-incident ilmentat m'huwiex proprjeta` tieghu ;
2. Kwindi huwa ma kkaguna ebda dannu lil hadd, kif qed jigi allegat
   Ghalhekk it-talba tas-socjeta` rikorrenti ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghha, salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda ta' PC546 Jurgen Borg, PS1284 Ian Caruana, Isabel Georgiev Teuma u Malcolm Aquilina waqt is-seduta tat-30 ta' Mejju, 2018.

Sema' x-xhieda ta' David Mifsud u ta' PC 1087 Roderick Degiorgio waqt is-seduta tat-2 ta' Lulju, 2018.

Sema' x-xhieda ta' Andrew Mamo, Jesmond Aquilina u David Abdilla waqt is-seduta tal-1 t'Ottubru, 2018.

Ra n-nota tal-atturi ezebita wkoll waqt is-seduta tal-1 t'Ottubru, 2018.

Sema' x-xhieda ta' Malcolm Aquilina waqt is-seduta tas-6 ta' Dicembru, 2018.

Sema' x-xhieda ta' Isabel Georgiev Teuma in kontro-ezami waqt is-seduta tal-24 ta' Jannar, 2019.

Sema' x-xhieda ta' PC1087 Roderick Degiorgio u David Mifsud waqt is-seduta tat-28 ta' Frar, 2019.

Sema' x-xhieda tal-konvenut John Bonnici waqt is-seduta tat-28 ta' Marzu, 2019.

Ra n-nota tal-konvenut ezebita wkoll waqt l-istess seduta tat-28 ta' Marzu, 2019.

Sema' x-xhieda tan-Nutar Mario Bugeja u tar-Rapprezentant tal-Kunsill Lokali Haz-Zebbug Pawlu Valletta waqt is-seduta tat-2 ta' Mejju, 2019.

Ra n-nota tal-konvenut prezentata fir-3 ta' Gunju, 2019.

Sema' x-xhieda ta' Charles Camilleri u ta' Savio Borg waqt is-seduta tal-5 ta' Gunju, 2019.

Ha konjizzjoni tal-fatti kollha tal-kaz u ra d-dokumenti kollha ezebit mill-partijiet rispettivi.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet.

Ra li l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

**Ikkunsidra**

Illi permezz tal-kawza odjerna l-atturi qeghdin jitolbu kumpens ghad-danni subiti minnhom bhala rizultat ta' incident li sehh meta tank tal-ilma waqa' minn proprjeta`, allegatament tal-konvenut, ghal fuq il-vettura tal-assigurata Georgiev Teuma. Il-konvenut wiegeb billi fl-ewwel lok eccepixxa li « *t-tank tal-ilma li kkaguna l-incident ilmentat m'huwiex proprjeta` tieghu* » oltre li cahad ukoll li huwa kkaguna ebda dannu lill-istess atturi. Ghaldaqstant l-ewwel kwistjoni li ghandu jiddeciedi t-Tribunal jirrigwardja proprju l-kwistjoni koncernanti r-responsabilita` o meno ghall-akkadut da parti tal-konvenut.

Illi f'dan ir-rigward xehdet l-attrici Georgiev Teuma li stqarret li wasslet ghall-identita` tal-konvenut wara stharrig imwettaq minn fuq is-sit tal-Awtorita` tal-Ippjanar minn fejn irrizulta li l-konvenut kien effettivament l-applikant fir-rigward tal-izvilupp li minnu waqa' t-tank li kkawza l-hsara fuq il-vettura taghha (ara f'dan is-sens xhieda moghtija minna fis-seduta tal-30 ta' Mejju, 2018 a fol. 22 fejn hija tistqarr: "***Nghid li l-blokka t'appartamenti kienet mibnija lesta pero` kienet qed tigi rrangata minn gewwa. Minn stharrig li ghamilna ahna fir-rigward tas-sit tal-MEPA stajna niddeterminaw min kien is-sid, ahna nafuh b'ismu peress li jkun prezenti wkoll fuq is-sit kuljum.***" –enfazi

mizjuda). Hija tkompli tixhed, in kontro-ezami, li kienet sahansitra ghamlet kuntatt man-neputi tal-istess konvenut li, skont hi, infurmaha li l-persuna responsabbli kien proprju l-konvenut stess "*Ghidtlu li jien kelli l-hsara u ghedtlu li xtaqt inkellem lil xi hadd li kien responsabbli mill-blokka u kien proprju l-istess neputi li tani n-numru tat-telefon ta' John Bonnici.*" (xhieda moghtija mill-attrici waqt is-seduta tal-24 ta' Jannar, 2019 a fol. 89 tal-process). Mill-provi irrizulta li l-assiguraturi taghha wkoll strahu fuq l-estratt mis-sit tal-Awtorita` ghall-Ippjanar li tindika lill-konvenut bhala l-applikant ghall-izvilupp. Jidher ukoll li, oltre s-surreferit, ir-rwol tal-konvenut bhala sid tal-blokka lanqas ma gie kontestat minnu *a tempo vergine* tant illi skont ir-rapport tal-Pulizija fir-rigward tal-incident mertu tal-kawza odjerna gie dikjarat is-segwenti: "*Illum 28/03/2017 gie mitkellem John Bonnici detentur tal-karta tal-identita` 0204458(M)* ***li huwa sid il-blokka li minnha waqa' t-tank tal-ilma fejn stqarr li huwa ma kienx infurmat b'dan u ma kienx jaf b'dan. Bonnici zied jghid li sid il-vettura l-ohra involuta kien qallu li ma kien hemm l-ebda vettura ohra li ntlaqtet.***" (fol. 31 tal-process – enfazi mizjuda).

Da parti tieghu il-konvenut jichad li gie mitkellem mill-Pulizija jew lil Georgiev Teuma u jghid li huwa semplicement tefa' ismu fuq l-applikazzjoni flok is-sidien effettivi peress illi Express Aluminium (socjeta` li fiha huwa ghandu involvement) ha xoghol tat-*turnkey*. F'dan ir-rigward huwa jixhed li: "*Nghid illi jiena bhala John Bonnici tfajt ismi bhala l-applikant f'isem is-sidien tal-appartamenti rispettivi peress illi Express ALuminium fir-rigward ta' din il-binja hadet ix-xoghol kollu tat-turnkey.*" (xhieda tal-konvenut moghtija waqt is-seduta tat-28 ta' Marzu, 2019).

Illi f'dan ir-rigward huwa kwindi allura car li l-konvenut qieghed jikkontendi li ghandu jkun haddiehor li jhallas it-talba u dana ghaliex, skont hu, huwa m'huwiex is-sid tal-fond minn fejn tar it-tank. F'dan ir-rigward ir-regolament 6 tar-**Regoli dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar** huwa car filli jipprovdi espressament is-segwenti:

*"(1) Jekk il-konvenut jidhirlu li għandu jkun ħadd ieħor li jħallas it-talba, huwa għandu* ***<u>jindika fir-risposta tiegħu min hi dik il-persuna l-oħra li għandha tħallas it-talba kollha jew parti minnha</u>****.*

*(2) Il-konvenut għandu permezz tat-Tribunal* ***<u>jinnotifika lil-terzi</u>****:*

*(a) b'kopja tat-talba; u*

*(b) b'kopja tar-risposta tiegħu; u*

*(ċ) b'avviż lil terzi; u*

*(d) b'formola għal risposta vojta.*

*(3) Meta terzi jagħmlu r-risposta tagħhom, huma għandhomisegwu l-proċedura li hemm biex issir risposta għal talba hekk kifinhi msemmija fir-regoli 4 u 5."* (enfazi mizjuda)

Oltre l-fatt li *a tempo vergine* l-konvenut ma hassx il-htiega li jeskludi r-responsabilita` tieghu mal-attrici u mal-Pulizija Ezekuttiva billli jindika it-terzi maghrufin lilu li, skont hu, kellhom ikunu responsabbli sabiex iwiegbu ghat-talba imma jidher li sahansitra prezenta ruhu bhala s-sid tal-blokka, lanqas f'dan il-proceduri ma wettaq dak mehtieg minnu mil-ligi sabiex it-talba tigi indirizzata fil-konfront tat-terzi li, skont hu, ghandhom jigu ritenuti responsabbli. Jekk tassew, kif il-konvenut prova jaghti x'jifhem permezz tal-linja difensorja mehuda f'dawn il-proceduri, kien hemm haddiehor li l-Pulizija kellmu jew kien hemm haddiehor li tkellem f'ismu mal-attrici, *multo magis* kien jinkombi fuqu l-obbligu li jsejjah fil-kawza lil min, skond hu, kellu jwiegeb sa mill-bidu ghat-talba attrici. Huwa car li, oltre l-istitut tal-kjamat fil-kawza, ir-regolament 6 tar-Regoli li jirregolaw il-procedura ta' dan it-Tribunal huwa intiz proprju sabiex, f'kazijiet bhal dak in ezami, persuna li tigi rinfaccjata b'talba ghall-hlas u li tahseb li hemm terzi li ghandhom jew jistghu iwiegbu ghal tali talba minflokha ghandha tghaddi minnufih u fl-istess risposta taghha sabiex tindika l-identita` ta' tali persuna/i u tghaddi sabiex tinnotifika wkoll minnufih lil tali terz/i bl-istess talba. Minn dan kollu il-konvenut ma ghamel xejn.

Ghaldaqstant il-konvenut ma jistax jipprova jitfa' t-tort fuq terzi minghajr ma jsejhilhom fil-kawza bil-mod impost fuqu permezz tar-regolament 6. F'dan ir-rigward jinsab similament deciz minn dan it-Tribunal kif diversament presjedut li, f'kaz fejn kienet ukoll tressqet eccezzjoni fis-sens li l-konvenut ma kienx il-legittimu kuntradittur:

*"L-ewwel eċċezzjoni li ghandha tiġi kkunsidrata hija dik imqanqla mill-intimat Leo Grech u cioe li huwa ma kienx il-legittimu kontradittur. In sostenn ta' din l-eccezzjoni, l-imsemmi intimat qal li huwa ma huwiex responsabbli ghall-akkadut peress li l-coach ma jappartjenix lill-Paramount Garage iżda lil kumpanija AIL Limited. Dawn il-coaches imbaghad jintużaw mill-Paramount Garage li huwa trade name. Stqarr però li kollox huwa reġistrat fuq ismu, inkluż in-numru tal-VAT. It-Tribunal ma jistax jilqa din l-eccezzjoni. (...)*
*it-Tribunal jaghmel referenza ghar-regolament numru sitta (6) ta' l-Avviz Legali 145 tas-sena 1995 intitolat Regoli Dwar Tribunal Ghal Talbiet Zghar. (...)*
*Min dan kollu l-intimat baqa ma ghamel xejn. La indika min kienet il-persuna li skond hu kienet responsabbli fir-risposta tieghu u lanqas ma nnotifikaha. Indika biss li l-coach in kwistjoni kien jappartjeni lil AIL Limited fis-seduta tat-18 ta' Dicembru, 2013 u li l-Paramount Garage jikri din il-coach minghand l-imsemmija soċjetà li taghha, l-intimat Leo Grech huwa direttur. Fuq kollox, teżisti formola appostita sabiex jekk jidhirlu, l-intimat jinnotifika direttament lil din il-persuna minghajr il-htiega ta' l-awtorizzazzjoni tat-Tribunal. Ghalhekk din l-eccezzjoni qeghda tiġi michuda.* »

Illi huwa car li l-istess jista' jinghad fil-kaz in ezami fejn il-konvenut hawn ukoll naqas milli jindika min, skont hu, kellu jwiegeb ghat-talbiet tal-atturi u elenka l-ismijiet tas-

sidien biss waqt is-seduta tat-28 ta' Marzu, 2019 minghajr ma indakahom, kif kellu jaghmel fir-risposta, minghajr qatt ma nnotifikahom jew wera l-interess li jsejhilhom fil-kawza.

Illi inoltre l-art. 1032 tal-**Kodici Civili** jipprovdi wkoll li

> « *(1) Jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-famiija.* »

U l-art. 1033 tal-istess **Kodici Civili** ikompli jipprovdi li:

> « *Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni,għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta'ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa ii biha jikser xi dmirimpost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabbaf'hekk.* »

Aktar relevanti ghall-kaz in ezami huwa l-art. 1042 tal-**Kodici Civili** li jipprovdi espressament li:

> « *Jekk issir ħsara lil xi ħadd bil-waqgħa ta' ħaġa mdendla jew imqiegħda f'qagħda ta' perikolu, inkella bit-tfigħ jew xħit ta'xi ħaġa minn bini, id-detentur ta' dak il-bini, meta huwa nnifsu ma jkunx għamel il-fatt, u ma jkun bl-ebda mod ħa sehem fih, ma jweġibx għall-ħsara, ħlief sa fejn id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu dwar ir-responsabbiltà ta' persuna għall-ħsara magħmulaminn oħra, jkunu jgħoddu għalih.* »

Huwa minnu wkoll li l-konvenut ressaq provi fis-sens illi huwa m'huwiex is-sid tal-blokka (ara f'dan is-sens ix-xhieda moghtija minn Mario Bugeja oltre l-estratti tar-Registru Elettorali). Madanakollu t-Tribunal isib li r-responsabilta` ghall-akkadut mhux necessarjament tinkombi fuq is-sidien tal-bini jew <u>**tat-tank (kif d'altronde jinsab eccepit mill-istess konvenut)**</u> b'mod esklussiv anke in linea mal-fatt li l-art. 1042

sopracitat huwa applikabbli espressament fil-konfront ta’ kull detentur tal-bini. Issa jekk ix-xogholijiet fuq il-post ikunu qeghdin jigu fizikament imwettqin minn terzi jew ikun hemm terzi li applikaw u ottjenew il-hrug tal-permess u li kwindi, skont il-ligi, ghandhom jigu riternuti responsabbli ghall-izvilupp u kwalunkwe hsara li tirrizulta bhala konsegwenza tal-istess, huwa car li tali applikant ghandu jitqies detentur tal-bini anke jekk mhux sid tal-istess. It-Tribunal fela bir-reqqa l-atti tal-kawza odjerna u fl-ebda parti mix-xhieda tieghu il-konvenut ma cahad l-involviment tieghu fl-izvilupp jew eskluda r-responsabilita` tieghu ghat-tqeghid tat-tankijiet fuq l-ghola saqaf minghajr irbit adegwat jew xehed fis-sens li almenu t-tankijiet imqeghdin fl-oghla sular ma kenux fil-kontroll tieghu. Il-verzjoni ta’ Georgiev Teuma li dakinhar tal-incident kien ghad hemm xogholijiet ghaddejjin fil-blokka fuq gewwa lanqas ma giet kontradetta u huwa l-istess konvenut li jikkonferma r-rwol tieghu bhala kuntrattur fuq is-sit proprjeta` tal-famijari tieghu u kif « *kont naghti struzzjonijiet lis-sidien bhala Express Aluminium peress li kont hdimt xi xoghol hemmhekk pero’ l-bqija ma kontx involut iktar.*» (xhieda moghtija fis-26 ta’ Settembru, 2019). Ghat-Tribunal dan huwa sufficjenti sabiex jipprova li fil-jum tal-incident il-konvenut, oltre milli applikant fir-rigward tal-izvilupp kien ukoll detentur tas-sit li fih kien ghadu qed isir tali zvilupp u kellu wkoll sehem f’tali zvilupp li wassal ghat-tqeghid tat-tankijiet fl-oghla sular tal-blokka minghajr irbit adegwat. Kwindi ghalhekk ukoll, a tenur tal-art. 1042 tal-**Kodici Civili**, ghandu jigi ritenut responsabbli ghall-hsara sofferta mill-atturi.

Konsegwentement tenut kont tal-fatt li l-konvenut ma segwix dak mehtieg mil-ligi sabiex ikun jista’ jevita r-responsabilita` tieghu bhala detentur tal-fond li minnu waqa’ t-tank li kkawza l-hsara fil-vettura ta’ Georgiev Teuma oltre l-fatt li ma rnexxilux jipprova li hu ma kellu ebda sehem fit-tqeghid tat-tankijiet fuq il-bejt, it-Tribunal ma jistax ma jsibx lill-konvenut responsabbli ghall-hsara sopportata mill-attrici fuq il-vettura taghha.

Illi fir-rigward tal-*quantum*, irrizulta mix-xhieda tas-*surveyor* David Mifsud li r-ricevuti kollha mahrugin mis-socjeta` attrici a sostenn tal-ammont mitlub kienu in linea mar-rapport redatt minnu salv ghal ammont minimu ta’ tmintax-il euro fl-ircevuta rigwardanti

*rear bumper guides* (a fol. 45 tal-process). F'dan ir-rigward it-Tribunal isib li l-konvenut ma ressaq ebda eccezzjoni fir-risposta tieghu fir-rigward tal-*quantum* mitlub kif seta' jaghmel u kwindi m'hemm lok ghal ebda temperament fl-ammont mitlub mill-atturi.

Illi fir-rigward tal-imghaxijiet it-Tribunal isib li dawn ghandhom jiddekorru mid-data tan-notifka lill-intimat tal-ewwel interpellazzjoni gudizzjarja fir-rigward ta' dan il-kaz ossija fil-20 t'Ottubru, 2019, data li fiha gie notifikat bl-ittra ufficjali interpellatorja.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut jilqa t-talba tal-atturi u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma mitluba ta' elf, wiehed u tletin euro u tmienja u erbghin centezmi (€1031.48) rapprezentanti kumpens ghad-danni sopportati mill-atturi bhala konsegwenza tal-incident datat 7 ta' Marzu, 2017 bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 17 t'Ottubru, 2017 u bl-interessi legali mill-20 t'Ottubru, 2017 kontra l-istess konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**